MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 646/2012

**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**
**VS**
**CHRISTIAN PANAITESCU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Christian Panaitescu ta' 26 sena, bin gigi u Aurica, mwieled Romanija fis- 26 ta' Ottubru 1986, residenti Facilita' Korrettiva ta' Kordin;

Talli f' xi hin matul il- lejl fl- 4 ta' Frar 2012 gewwa The Gold Market li jinsab fi Triq Mdina Attard;
1) ikkommetta serq ta' arloggi u laptops liema serq huqa ta izjed minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Michael Mizzi u Frankie Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur;
2) volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel

hsara fuq il- bibien principali tal- istabbiliment The Gold Market ghad- detriment ta’ Michael Mizzi, liema hsara hija izjed minn €1,164.69;
3) ukoll talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi mill- Qrati ta’ Raumanija, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ provi difiza f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Mil-provi irrisulta li l-ammont misruq ma kienx jeccedi l-elfejn u tlitt mitt Ewro, kif indikat fit-tahrika. Irrisulta wkoll li parti mir-res furtiva giet ritornata lis-sid in kwistjoni. Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li din ghandha tkun ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 262(b)(2), 263(a)(b), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 270, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281, 325(1)(a), 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------